



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11585/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0281(NLE)

PECHE 277

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 404 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/1582

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 404 final.

Mehmuż: COM(2023) 404 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023
COM(2023) 404 final

2023/0281 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet
fil-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku
Ċentrali u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/1582**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali għall-perjodu 2024-2028, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali

Il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali ("il-Ftehim") ifittex li jipprevjeni sajd mhux regolat fil-parti tal-ibħra miftuħa tal-Oċean Artiku Ċentrali permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri prekawzjonarji ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni bħala parti minn strateġija fit-tul għas-salvagwardja ta' ekosistemi marini b'saħħithom u għall-iżgurar tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2021.

L-Unjoni Ewropea hija parti fil-Ftehim¹.

2.2. Il-laqgħa tal-Partijiet

Il-laqgħa tal-Partijiet hija l-korp deċiżjonali skont il-Ftehim, li għandu jiltaqa' kull sentejn jew aktar ta' spiss jekk jiddeċiedi hekk. Id-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' proċedura jittieħdu b'maġġoranza u d-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza jittieħdu b'kunsens. L-Unjoni Ewropea hija intitolata tipparteċipa u tivvota fid-deċiżjonijiet tiegħu.

2.3. Deċiżjonijiet mil-laqgħa tal-Partijiet

Il-laqgħa tal-Partijiet għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni li jkunu vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti. Parti tista' toġġezzjona għal miżura.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

Huwa propost li l-pożizzjoni li tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet tiġi stabbilita skont approċċ fuq żewġ saffi. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali. Minn hemm 'il quddiem il-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi aġġustata għal kull laqgħa permezz ta' dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li jridu jiġu endorsjati mill-Kunsill.

Dan l-approċċ huwa implimentat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582 tat-23 ta' Ottubru 2020, li tistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim għall-perjodu 2020-2024. Id-Deċiżjoni fiha prinċipji ġenerali, iżda kemm jista' jkun tqis ukoll l-ispeċifitajiet tal-Ftehim. Barra minn hekk, tistipula l-proċess standard għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE kull sena kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582 inkorporat il-prinċipji tal-politika komuni tas-sajd il-ġdida, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/407 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-Konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (ĠU L 73, 15.3.2019, p. 1).

Kunsill², filwaqt li tqis ukoll l-oġġettivi stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd³.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582 ma tipprovdix għal rieżami tal-pożizzjoni tal-Unjoni qabel il-laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim fl-2025. Madanakollu, il-maġġoranza tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill, li jstipulaw il-pożizzjoni tal-Unjoni fid-diversi organizzazzjonijiet Reġionali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) li fihom hija parti kontraenti, għandu jsirilhom rieżami qabel il-laqgħat annwali tal-2024 ta' dawk l-RFMOs. Għalhekk, biex tiġi promossa l-konsistenza bejn il-pożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fl-RFMOs kollha u biex jiġi sinkronizzat iż-żmien għall-proċeduri ta' reviżjoni, huwa xieraq li r-reviżjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Ftehim, għall-perjodu 2024-2028, issir qabel u tiġi sostitwita d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582.

Dan l-approċċ bħalissa qed jittieħed ukoll fl-RFMOs u għall-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'dawk il-laqgħat.

Fir-rigward tas-sajd, din ir-reviżjoni tqis il-Patt Ekoloġiku Ewropew, notevolment l-Istrateġija għall-Bijodiversità⁴, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁵ u “Mill-Għalqa sal-Platt”⁶. Tqis ukoll l-Istrateġija għall-Plastiks⁷ u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero⁸. Barra minn hekk, tqis ukoll il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani⁹, kif ukoll Komunikazzjoni Konġunta, “Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu”¹⁰, u Komunikazzjoni Konġunta dwar “Sistema integrata tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku”¹¹.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354 tat-28.12.2013, p. 22).

³ COM(2011) 424, 13.7.2011.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna (COM/2020/380).

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonumija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija” (COM/2021/400 final).

⁹ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

¹⁰ Il-Komunikazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea, Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu, JOIN(2021)27 final.

¹¹ Il-Komunikazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea, Sistema integrata tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku, JOIN(2016)021 final 27.4.2016.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Huwa jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”¹².

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-laqgħa tal-Partijiet hija korp stabbilit permezz ta’ ftehim, il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali.

L-atti li l-laqgħa tal-Partijiet tintalab tadotta jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. L-atti previsti tal-laqgħa tal-Partijiet se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri:

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat¹³;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd¹⁴; u
- ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta’ flotot tas-sajd esterni¹⁵.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti.

¹² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

¹³ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

¹⁴ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹⁵ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti jirrigwardaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-bażi ġuridika li jstipula l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni. Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582, li tkopri l-perjodu 2020-2024.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/1582

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/407¹. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2021.
- (2) Il-laqgħa tal-Partijiet hi responsabbli mill-adozzjoni tal-miżuri mfassla biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim sabiex jintlaħaq l-oġettiv tal-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fil-parti tal-ibħra miftuħa tal-Oċean Artiku Ċentrali permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri prekawżonarji ta' konservazzjoni u ġestjoni bħala parti minn strateġija fit-tul għas-salvagwardja tal-ekosistemi marini b'saħħithom u għall-iżgurar tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawżonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin jirrestawra l-popolazzjoni ta' speċijiet mistada u jżommhom ogħla mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tieħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/407 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-Konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (ĠU L 73, 15.3.2019, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

jipprevedi li dawk l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweġġ tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

- (4) F'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità³, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁴ u "mill-Għalqa sal-Platt"⁵, huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil klimatiku u t-telf tal-bijodiversità ma jridux jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f'saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (5) L-istrateġija għall-Plastiks⁶ tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero⁷ jimmira li jnaqqas 50 % tal-iskart tal-plastik fil-baħar u 30 % tal-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent.
- (6) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani⁸, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marini huma prijoritajiet ewlenin taħt l-azzjoni esterna tal-UE. L-UE hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.
- (7) Kif iddikjarat mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea f'Komunikazzjoni konġunta, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli⁹, mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani li tkopri dik il-Komunikazzjoni Kongunta¹⁰ msemmija, u l-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea, Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu¹¹, l-Unjoni hija impenjata għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim peress li jipproteġi l-ekosistemi marini billi japplika

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM/2020/380).

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM(2021)400 final.

⁸ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

⁹ Il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final 24.06.2022.

¹⁰ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani, 15973/22, 13.12.2022.

¹¹ Il-Komunikazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea, Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu, JOIN(2021)27 final, 13.10.2021.

approċċ prekawzjonarju u bbażat fuq ix-xjenza għal kwalunkwe sajd futur fl-Oċean Artiku Ċentrali.

- (8) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għall-perjodu 2024-2028, peress li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni skont il-Ftehim se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u kapaċi jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹² u (KE) Nru 1224/2009¹³, u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴.
- (9) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Ftehim hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582¹⁵. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi stabbilita Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2024-2028.
- (10) Fid-dawl tal-għarfien limitat dwar ir-riżorsi tas-sajd fiż-żona ġeografika koperta mill-Ftehim u n-natura tagħhom, u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-Partijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (11) Din id-Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim, fi stadju aktar tard tista' tiġi segwita b'Deċiżjoni tal-Kunsill separata ulterjuri dwar il-ftuħ tan-negozjati biex tiġi stabbilita organizzazzjoni waħda jew aktar, jew arranġament wieħed jew aktar, reġjonali jew subreġjonali għall-ġestjoni tas-sajd fl-ibħra miftuħa tal-Artiku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (Ftehim) hija stipulata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

¹⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582 tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (ĠU L 362, 30.10.2020, p. 20).

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għandha ssir f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni, mhux aktar tard għal-laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim fl-2029.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1582 hija mħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*